MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 43/2002/1

**Joseph u Charles ahwa Sultana**

**v.**

**Mary mart Andrew Xuereb, u ghal kull interess li jista' jkollu l-istess Andrew Xuereb**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-5 ta’ Mejju 2006, liema

sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan il-appell:-
"Il-Qorti,

"PRELIMINARI

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi Carmela Cassar, armla ta' Agostino Cassar, bint il-mejtin Carmelo Sultana u Victoria nee' Hili, imwielda u gia` residenti Xagħra, Għawdex mietet f'Victoria, Għawdex fid-disgħa (9) ta' Dicembru elfejn u wieħed (2001), improle.

"Illi l-imsemmija Carmela Cassar irregolat is-successjoni tagħha b'testment fl-atti tan-Nutar Josianne Cini tat-tlieta (3) ta' April elfejn u wieħed (2001) fejn innominat bħala eredi universali tagħha lill-konvenuta, u lill-atturi fi kwota ta' terza parti kull wieħed u waħda minnhom.

"Illi matul il-ħajja ta' Carmela Cassar, inti konvenuta bħala mandatarja tagħha rtirajt minn kontijiet bankarji illi l-imsemmija Carmela Cassar kienet tħaddem mal-Bank of Valletta plc somma ta' elfejn u disa' mitt lira maltija (Lm2,900) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, u żammejt jew ikkonvertejt din l-istess somma għal beneficcju esklussiv tiegħek ;

"Illi inoltre inti konvenuta kellek fil-pussess tiegħek ukoll bħala mandatarja ta' Carmela Cassar somma ta' elfejn mitejn u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm2,225) fi flus kontanti u wkoll qiegħda tirrifjuta li tressaq dawn il-fondi għad-divizjoni ma' ħutha l-atturi;

"Illi għalkemm originarjament il-konvenuta bdiet tallega illi Carmela Cassar kienet tatha dawn il-flus b'donazzjoni, meta l-esponenti infurmawha bil-parir illi kienu ingħataw illi donazzjonijiet ta' flus f'ammonti simili kienu jirrikjedu att pubbliku għall-validita` tagħhom, il-konvenuta biddlet id-diska u bdiet tallega illi hija kienet irrifondiet dawn il-flus lil

Carmela Cassar, u addirittura bdiet tallega illi Carmela Cassar tat dawn il-flus lill-esponenti .

"Illi finalment, inti konvenuta żammejt jew ikkonvertejt għall-użu esklussiv tiegħek il-kontenut ta' *safe deposit box* illi Carmela Cassar kienet tħaddem jew tiddetjeni għand il-Bank of Valletta plc; kif ukoll żammejt għalik innifsek oggetti tad-deheb oħra proprjeta` ta' Carmela Cassar illi allura skond il-ligi bdew jiffurmaw parti mill-massa ereditarja tagħha wara mewtha;

"Illi dan l-agir tiegħek konvenuta huwa wieħed abbużiv u llegali, u l-atturi qua ko-eredi ta' Carmela Cassar għandhom kull interess u dritt illi jesigu illi inti tagħti rendikont tal-flus u oggetti oħra fil-pussess tiegħek li kienu jappartjenu lil Carmela Cassar u illi tressaq dawn il-flus u oggetti oħra għad-diviżjoni magħhom; mentri inti konvenuta qiegħda tirrifjuta illi tagħmel dan ;

"Illi l-konvenut qiegħed jigi citat in kwantu bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' martu huwa għandu interess, u huwa wkoll legittimu kontradittur ta' l-atturi għaliex il-versament illi wettqet il-konvenuta sar għal beneficcju tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma' żewgha.

"Talbu lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi intom ma għandkom ebda dritt illi żżommu għalikom infuskom il-flus ritirati minnek Maria Xuereb mill-kontijiet bankarji ta' Carmela Cassar fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju elfejn u wieħed (2001), il-flus kontanti l-oħra li jirriżultaw illi kienu jew gew fil-pussess tiegħek Maria Xuereb in segwitu għal dik id-data, u l-oggetti mobbli l-oħra kollha illi jew kienu jinsabu f'safe deposit box jew fil-pussess materjali tiegħek Maria Xuereb jew ta' Carmela Cassar iżda kienu proprjeta` tal-imsemmija Carmela Cassar;

"2. Tikkundannakom sabiex tivversaw jew tirrifondu dawn il-flus kontanti w oggetti oħra fil-massa ereditarja ta' Carmela Cassar; u fin-nuqqas illi jigu rintraccjati l-oggetti

mobbli nfushom tikkundannakom sabiex tħallsu lill-massa ereditarja valur gust u reali tal-istess oggetti, okkorrendo ad opera ta' perit nominand.

"3. Tikkundannakom konsegwentement sabiex tħallsu lil kull wieħed mill-atturi terz ta' dawn il-flus kontanti u terz tal-valur tal-oggetti mobbli l-oħra, bl-interessi legali fuq il-parti tat-talba relattiva għall-flus kontanti b'effett mid-data tan-notifika lilkom ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

"Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' April 2002, kontra tagħkom.

"Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom ingunti.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament il-konvenut Andrew Xuereb għandu jigi meħlus mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante illi huwa ma għandu x'jaqsam xejn mal-mertu ta' din il-kawża purche` din si tratta minn allegat beni mobbli tal-mejta Carmela Cassar li kienet tigi z-zija tal-kontendenti l-oħra kollha ;

"2. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost u fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenuti ma għandhomx u qatt ma żammew għalihom l-ebda flus kontanti rtirati minn kontijiet bankarji jew flus kontanti oħra li kienu jappartjneu lil Carmela Cassar kif qed jigi allegat mill-konvenuti fic-citazzjoni tagħhom u dan kif jigi dettaljatament ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża ;

"3. Illi huma għal kollox infondati u bla ebda bażi l-allegazzjoni tal-atturi li l-konvenuti żammew l-oggetti mobbli li kienu jinsabu f'safe-deposit box tal-mejta Carmela Cassar.

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jirrifondulhom sehemhom minn flus u oggetti tad-deheb li kienu jappartjenu liz-zija tagħhom Carmela Cassar, li tagħha huma, flimkien mal-konvenuta Maria Xuereb, kienu werrieta universali, u li allegatament gew indebitament approprjati mill-istess konvenuti.

"ECCEZZJONI PRELIMINARI

"In linea preliminari l-konvenuti eccepew illi l-konvenut gie mħarrek inutilment għaliex din il-kawża tirrigwarda ħwejjeg li bħala wirt huma assi parafernali tal-konvenuta biss. Imma jekk tassew dawn il-flus u oggetti tad-deheb gew misapproprijati mill-konvenuti waqt illi Carmela Cassar kienet għadha ħajja, kif qed jallegaw l-atturi, jigi li giet benefikata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konvenuti bħala miżżewgin u konsegwentement għamlu sew l-atturi li ħarrku wkoll lill-konvenut. Għalhekk il-konvenuti m'għandhomx ragun f'dan ir-rigward, u din l-eccezzjoni qed tigi minnufih respinta.

"MERTU:

"Fil-mertu l-konvenuti qed jieħdu l-allegazzjonijiet ta' l-atturi. Da parti tagħhom l-atturi jikkontendu fin-nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom illi l-konvenuti ma rnexxiehomx jippruvaw illi Carmela Cassar kienet iddisponiet minn dawn il-flus u oggetti tad-deheb qabel il-mewt tagħha. Imma kif sewwa jirrilevaw il-konvenuti fin-nota responsiva tagħhom, b'dawn l-argumenti l-atturi qed jittentaw jitfgħu l-oneru tal-prova fuq il-konvenuti, meta huwa principji bażilari tal-procedura illi l-piż tal-prova tal-fatti allegati li fuqhom qed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu huwa tal-attur, jispetta biss lill-konvenut li jirribatti dawn il-provi bi provi kuntrarji . "**Bla hsara ta' kull dispożizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah**."[1] .

[1] 1 art. 562 tal-Kap. 12

"Gie mgħallem mill-**Mattirolo** f'dan ir-rigward illi: "*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che **'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'**, ossia che **'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit'**. In verita`, il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita` di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti. Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto; e l'autorita' giudicante dee pronunizare **juxta allegata et probata ….** Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte.*

*"(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e' l'attore; e percio` **actori onus probandi incumbit.** Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra` provare il fatto dal quale deriva il dominio, …; se egli invece promuove un'azione personale, dovra` pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto . L'attore, che non provi, deve soccombere: actor non probante, reus est absolvendus.*[2] *Conseguentemente, in presenza di una domanda non provata, il convenuto puo` limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore; e il giudice debbe senz'altro assolverlo.*

*"(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra`, dal suo conto, dare la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e' fondata la sua eccezione : onde la massima '**onus probandi incumbit actori'**, vuol essere completata con quest'altra **'reus in excipiendo fit actor'**."*[3]

[2] sottolinear tal-Qorti
[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano vol. III 5ta ed. para. 465, 467, 468, 471 pag. 380 - 382 .

"Fil-każ in eżami ma jidhirx illi hemm dubbju illi l-flus reklamati mil-atturi kienu f'idejn il-konvenuti minn meta gew rispettivament żbankati. Dwar l-Lm2,225 imsemmija fic-citazzjoni, jirriżulta ampjament sew mid-depożizzjoni ta' Carmel Attard, li kienet il-persuna responsabbli mill-iżbank tal-investiment li Carmela Cassar kellha mal-Globe Financial Investments, kif ukoll minn dak li qalu l-istess kontendenti illi l-ammont totali li kien hemm f'dan l-investiment kien ta' Lm12,225 li, minnhom Lm10,000 biss gew diviżi bejn il-kontendenti fil-preżenza ta' dan Carmel Attard, u li l-bilanc baqa' f'idejn il-konvenuti. Il-konvenuti jippruvaw jiggustifikaw dan billi jallegaw illi Carmela Cassar kienet qaltilhom iħallsu bihom id-dejn li kien hemm fuq xogħlijiet li saru fid-dar. Imma dwar dan ma ngiebet ebda ħjiel ta' prova. L-istess għall-Lm2,900 li gew żbankati mill-konvenuta mid-depożitu li Cassar kellha fil-Bank of Valletta. Il-konvenuti ssostni illi dawn kienet qaltilha Cassar sabiex iżommhom b'kumpens għas-servigi reżi lilha minnha. Imma apparti dak li sewwa jsostnu l-atturi illi donazzjoni ta' din l-entita` kienet tirrikjedi l-att pubbliku,[4] li f'dan il-każ ma jirriżultax illi sar, mhux verosimili illi Carmela Cassar kienet ser terga' tirregala somma sostanzjali lill-konvenuta wara li kienet gia tatha d-dar tagħha b'kumpens għas-servigi li kienet qed tirrendilha, u tenut kont ukoll illi xahrejn biss qabel ma sar dan l-iżbank, Cassar kienet għamlet it-testment tagħha fejn ħalliet it-tliet neputijiet tagħha l-kontendenti, eredi tagħha[5]. Irid jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li joħrog mill-provi, illi Cassar fl-aħħar xhur ta' ħajjitha meta sar dan l-iżbank,[6] xejn ma kienet f'sikkitha,[7] u huwa wisq improbabbli li setgħet tiddisponi liberament minn ħwejjigha billi tgħid lill-konvenuta biex dawn il-flus izzommhom hi biss. Sehem l-atturi minn dawn il-flus huwa ghalhekk ripetibbli.

"Min-naħa l-oħra ma jirriżultax illi l-atturi pprovaw sodisfacentement, fil-grad ta' certezza rikjest mil-ligi, illi l-oggetti tad-deheb li kienu jappartjenu lil Carmela Cassar

---

[4] art. 1753(1) tal-Kap. 16
[5] Dok. B a fol. 7 - 8 tal-process
[6] Dok . E a fol. 13 tal-process
[7] ara depożizzjoni ta' Carmel Attard

ħaduhom kollha l-konvenuti. Lanqas dwar il-konsistenza ta' dawn l-oggetti ma hemm qbil. L-atturi da parti tagħhom isemmu diversi oggetti li dwarhom ma ressqu ebda prova ħlief żewā ritratti fejn Carmela Cassar tidher liebsa xi deheb[8]. Il-konvenuti jsostnu illi fis-*safe deposit box* li Cassar kellha fil-Bank of Valletta kellha biss żewg pari msielet u xi "kurdun ta' Fra Baskal", li Cassar kienet irregalatilha fil-preżenza ta' ommhom stess. F'dan il-konflitt ta' provi, din il-parti tat-talba ta' l-atturi ma tistax tirnexxi.

"KONKLUZJONI

"Għal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawża billi, filwaqt illi ticħad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet attrici limitatament safejn jirrigwardaw sehem l-atturi mill-flus appartenenti l-eredita` ta' Carmela Cassar, li nżammu indebitament mill-konvenuti. Għaldaqstant tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrifondu lil kull wieħed mill-atturi ssomma ta' elf seba' mija u tmien liri Maltin u tlieta u tletin centeżmu (Lm1,708.33), flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

"L-ispejjeż, fic-cirkostanzi tal-każ, għandhom jigu ssoportati ugwalment, bejn l-atturi min-naħa u l-konvenuti min-naħa l-oħra."

**IR-RIKORS TA' L-APPELL TAL-KONVENUTI APPELLANTI**

2. Il-konvenuti Mary u Andrew konjugi Xuereb hassewhom aggravati bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, moghtija fil-5 ta' Mejju 2006, u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

i) Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni illi elfejn u disa' mitt Lira Maltin (Lm 2900), jew l-ekwivalenti ta' sitt elef seba' mija u hamsa u hamsin

[8] a fol 133 u 134 tal-process

Euros u tmintax-il euro centezmu (€6755.18), zbankati mill-konvenuta appellanti, inzammu minnha stess. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni zbaljata fuq xiehda illi taw il-konvenuti stess illi dawn l-elfejn u disa' mitt Lira Maltin (Lm2,900), jew l-ekwivalenti ta' s-sitt elef seba mija u hamsa u hamsin Euros u tmintax-il euro centezmu (€6755.18), inghataw lill-appellanti bhala kumpens ghas-servigi rezi. L-appellanti jsostnu illi dan huwa zbaljat ghaliex mix-xhieda prodotti rrizulta illi dan l-ammont inghata mill-appellanti lil Carmela Cassar, billi l-flus gew divizi ugwalment f'zewg inviloppi separati.

"ii) It-tieni aggravvju tal-appellanti huwa illi l-Ewwel Qorti zbaljat meta kkonsiderat illi ma kien hemm l-ebda prova li l-ammont l-iehor ta' elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm2,225), jew l-ekwivalenti ta' hamest elef mija tnejn u tmenin Euros u sitta u tmenin euro centezmi (€5182.86), illi kien bilanc ta' investiment illi l-mejta Carmela Cassar kellha mal-Globe Financial Investments, intuza sabiex jithallsu xoghlijiet illi saru fid-dar ta' Carmela Cassar."

**<u>IR-RISPOSTA TAL-ATTURI APPELLATI</u>**

3. L-appellati jsostnu illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi konfermata. Iz-zewg aggravvji tal-appellanti huma bbazati fuq allegazzjoni illi l-Ewwel Qorti m'ghamlitx evalwazzjoni korretta tax-xiehda u billi l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti, hlief meta jkun hemm ragunijiet gravi, minhabba l-fatt li f'dan il-kaz dawn ir-ragunijiet gravi ma jissussistux, ghalhekk dan l-apprezzament gdid ta' provi m'ghandux isir.

L-appellati jkomplu li, ghall-kuntrarju, l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien wiehed ineccepibbli u partikolarment ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' kredibilita` tal-konvenuta. Il-konvenuta appellanti tat diversi verzjonijiet dwar x'gara mill-flus ta' Carmela Cassar u kien hemm diversi kontradizzjonijiet f'dak li hija xehdet.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni aggravju, l-appellati jsostnu illi meta l-appellanti tghid illi l-flus gew uzati sabiex jithallsu xoghlijiet fid-dar tal-istess Carmela Cassar, din id-dar kienet diga` tappartjeni lill-appellanti ghaliex kienet inghatatilha b'donazzjoni minn Carmela Cassar. L-appellanti lanqas ma gabet l-ebda prova dwar dawn ix-xoghlijiet illi saru f'din id-dar. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet gustifikata meta skartat din l-allegazzjoni tal-konvenuta appellanti.

L-appellati jikkonkludu li minhabba l-fatt illi l-appellanta konvenuta ma gabitx prova konvincenti u kredibbli dwar il-mod kif iddisponiet mill-flus, ghalhekk it-talbiet tal-atturi appellati kellhom jigu akkolti kif fil-fatt gie deciz mill-ewwel Qorti.

**FATTI MERTU TAL-KAWZA**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni, jigifieri illi:

(i) L-atturi appellati u l-konvenuta appellanti huma n-neputijiet tal-mejta Carmela Cassar;

(ii) Carmela Cassar mietet fid-9 ta' Dicembru 2001, u s-successjoni taghha kienet regolata b'testment fl-Atti tan-Nutar Dottor Josianne Cini tat-3 ta' April, 2001. F'dan it-testment, Carmela Cassar istitwiet bhala eredi universali taghha lit-tlett neputijiet taghha ossia Maria Xuereb, mart Andrew Xuereb, Joseph Sultana u Charles Sultana.

(iii) Carmela Cassar f'dan it-testment iddikjarat illi kienet diga` tat lil Maria Xuereb b'titolu ta' donazzjoni d-dar tar-residenza taghha "Sydney House", Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex.

(iv) Fl-24 ta' Lulju 2001, Carmela Cassar kienet iffirmat prokura a favur l-appellanti Maria Xuereb, li tinsab a fol. 322 tal-process, illi b'hekk hija setghet tamministra l-flus u l-oggetti illi kienu depozitati fil-Bank of Valletta plc ;

(v) Fil-25 ta’ Lulju 2001, Maria Xuereb effettwat zewg zbanki mill-Bank of Valletta, wiehed illi kien jammonta ghal elf u erbgha mija Liri Maltin (Lm1,400), jew il-ekwivalenti ta’ tlett elef mitejn u wiehed u sittin Euros u tnax-il Euro centezmu (€3261.12), u iehor illi kien jammonta ghal elf u hames mitt Liri Maltin (Lm 1,500), jew il-ekwivalenti ta’ tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Euros u sitt Euro centezmi (€3494.06);

(vi) Rigward dawn il-flus, l-appellanta ssostni illi hi kienet tathom lil Carmela Cassar f’zewg "*envelopes*" separati, liema "*envelopes*" inghataw lill-appellati rispettivament. L-appellati jsostnu invece illi dan l-ammont ta’ elfejn disa mija Liri Maltin (Lm2,900), jew l-ekwivalenti ta’ s-sitt t’elef seba mija u hamsa u hamsin Euros u tmintax-il Euro centezmu (€6755.18) nzammu mill-appellanti Maria Xuereb;

(vii) Fil-25 ta’ Awwissu 2001, Carmel Attard illi kien jiehu hsieb xi investimenti illi Carmela Cassar kellha ma’ Globe Financial Services, laqqa' lill-appellanta u l-appellati u kkonsenja tnax-il elf mitejn u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm 12,225), jew il-ekwivalenti ta’ tmienja u ghoxrin elf erbgha mija sitta u sebghin Euros u disgha u hamsin Euro centezmi (€28,476.59) lil Maria Xuereb. Carmel Attard ezebixxa ricevuta, a fol. 328 tal-process, fejn jidher illi Charles Sultana u Maria Xuereb rcevew dan l-ammont minn Carmel Attard;

(viii) Minn dan l-ammont ta’ tnax-il elf mitejn u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm12,225), jew il-ekwivalenti ta’ tmienja u ghoxrin elf erba' mija sitta u sebghin Euros u disgha u hamsin Euro centezmi (€28,476.59), l-appellanta ddepozitat l-ammont ta’ ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000), jew il-ekwivalenti ta’ tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin Euros u tlieta u sebghin Euro centezmi (€23,293.73), kif jirrizulta minn "statement" a fol. 288 tal-process, filwaqt illi l-bilanc ta’ elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin (Lm2,225), jew il-ekwivalenti ta’ hamest elef mija tnejn u tmenin Euros u sitta u tmenin Euro centezmi (€5182.86), baqghu f’idejn l-appellanti illi qieghda ssostni illi dawn inghatawlha b’donazzjoni minn Carmela Cassar

ghal xoghlijiet illi kienu saru fid-dar u illi ghalihom kienet hallset il-appellanti;

(ix) Carmela Cassar kellha wkoll *safety deposit box* fil-Bank of Valletta plc. L-atturi appellati jghidu illi din kienet tikkontjeni oggetti tad-deheb, illi kienu jikkonsistu fis-segwenti: gerikor, zewg *chokers*, tlett ktajjen irqaq b'diversi pendenti, erba' pari msielet, sett minnhom antik hafna, ghaxar crieket, labra, diversi cappetti u erba' muniti tad-deheb. Il-konvenuta appellanta ssostni illi f'dan is-*safety deposit box* kien hemm biss "kurdun ta' Fra Baskal", zewg pari msielet li Carmela Cassar kienet weghditilha u xi cekcik iehor li ma kienx deheb.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Mal-ewwel daqqa t'ghajn tar-rikors tal-appell tal-appellanta, jidher car illi l-appellanti qed jistiednu lil din il-Qorti sabiex terga' tikkonsidra x-xiehda kollha illi nghatat quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk sabiex terga' taghmel apprezzament tal-provi illi nghataw.

Ghalhekk qabel ma' tikkonsidra l-aggravji illi gew sottomessi mill-appellanta, din il-Qorti thoss illi ghandha terga' tirriafferma x'inhu r-rwol tal-Qorti tal-Appell. Bhala Qorti ta' revizjoni, din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi illi jkun sar quddiem l-Ewwel Qorti, ghaliex hi certament kienet f'posizzjoni ahjar sabiex tgharbel u tevalwa l-provi u x-xhieda illi ngabru quddiemha. Ghalhekk din il-Qorti tal-Appell tiddisturba dan l-apprezzament ta' provi biss meta jkun hemm ragunijiet gravi sabiex dan isir u b'hekk tevita milli ssir ingustizzja.

6. L-ewwel aggravju tal-appellanta huwa illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta kkunsidrat illi s-somma ta' elfejn u disa' mitt Liri Maltin (Lm2,900), jew l-ekwivalenti ta' sitt elef seba' mija u hamsa u hamsin Euro u tmintax-il Euro centezmu (€6755.18), illi gew zbankati mill-appellanti konvenuta nzammu minnha stess. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti tghid illi waslet ghal din il-konkluzjoni minn xiehda moghtija mill-

konvenuta stess illi qalet illi dan l-ammont ta’ flus inzamm bhala kumpens ghas-servigi rezi minnha lil Carmela Cassar. L-appellanti ssostni illi din il-konsiderazzjoni hija zbaljata ghaliex hi kienet xehdet illi dan l-ammont kien gie mghoddi minnha lil Carmela Cassar, f’zewg ammonti u f’zewg "*envelopes*" separati.

Meta wiehed jara u jezamina x-xhieda u l-provi fir-rigward ta’ dan l-ammont ta’ flus, jirrizulta li l-provi illi gew prodotti huma x-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank, illi pproduca l-i"*statements*" relattivi ghall-mejta Carmela Cassar, u x-xiehda prodotta *viva voce* min-naha tal-konvenuta.

7. Fir-rigward ta’ dan il-ammont ta’ elfejn u disa' mitt Liri Maltin (Lm2,900), jew l-ekwivalenti ta’ sitt elef seba' mija u hamsa u hamsin Euros u tmintax-il Euro centezmu (€6755.18), l-atturi fil-fatt ma pprovdew l-ebda prova sostanzjali illi dan l-ammont inzamm mill-konvenuta. Min-naha taghha, il-konvenuta xehdet proprju dak illi qieghdha ssostni f’dan il-aggravju. Il-konvenuta xehdet illi meta marret il-Bank sabiex tizbanka dan l-ammont ta’ flus, Carmela Cassar kienet fil-karozza maghha u illi malli harget mill-Bank kienet tathomlha f’idejha, f’zewg "*envelopes"* separati.

Ghalhekk l-ewwel haga li qieghda tinnota din il-Qorti hija li l-appellanti fir-rigward ta’ dan l-ammont ta’ flus ma xehditx illi dawn inghatawlha bhala kumpens ghas-servigi rezi u illi ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghal din il-konkluzjoni.

8. Fir-rigward ta’ dan l-ammont ta’ elfejn u disa’ mitt Liri Maltin (Lm 2900), jew l-ekwivalenti ta’ sitt elef seba' mija u hamsa u hamsin Euro u tmintax-il Euro centezmu (€6755.18), hemm zewg verzjonijiet illi huwa diametrikament opposti, fejn l-atturi appellati qeghdin isostnu illi dan l-ammont inzamm mill-konvenuta mentri l-konvenuta appellanti qieghda ssostni illi dan l-ammont ta’ flus tathom f’idejn il-mejta Carmela Cassar.

Din il-Qorti hawn terga' tirribadixxi l-principju illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg

verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli dan jiffavorixxi lill-konvenut in bazi ghall-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero`, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, huwa dak tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili.

Fil-kaz in disamina, jezisti dan il-konflitt u din il-Qorti hija tal-fehma illi fir-rigward ta' dan l-ammont ta' flus it-tezi tal-konvenuta appellanti hija aktar attendibbli. Meta din il-Qorti rat l-*affidavits* ta' Joseph Sultana, Carmel Sultana u Charlie Sultana, illi jinsabu minn fol. 301 sa fol. 310 tal-process, fir-rigward ta' dawn il-flus, dawn kollha jghidu illi l-konvenuta dejjem qaltilhom illi meta marret il-Bank kien hemm Carmela Cassar maghha fil-karozza, u li wara illi gabret dawn il-flus kienet tathomlha f'idejha. Fil-fatt din hija l-verzjoni illi tat anke l-konvenuta appellanti quddiem l-ewwel Qorti.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw illi dan il-ammont ta' flus inzamm mill-konvenuta personalment. Ikun bizzejjed li wiehed jezamina l-mod kif wiegbu xi whud mill-atturi, bhal per ezempju Charlie Sultana (fol. 59-79) in kontro-ezami, biex wiehed jikkonkludi kemm hija debboli l-prova li suppost giet min-naha attrici in sostenn tal-fatti allegati minnhom fl-att tac-citazzjoni. Kull darba li dan ix-xhud in partikolari jigi rinfaccjat b'fatti specifici, mill-ewwel jipprofessa li ma jiftakar xejn, jew li nesa, jew li jkun ahjar li jigi mfakkar jew joqghod idur mal-lewza fi sforz biex jevita milli jaghti risposta. Xi habtiet sa anke jasal biex iwiegeb b'mod laxk jew vulgari (fol. 78) biex jikkonferma l-injoranza tieghu! L-istess jghodd ghal dak li jixhdu l-atturi l-ohra in kontro-ezami ta' dak li kienu ddeponew permezz ta' *affidavits*. Fi kliem iehor, l-atturi appellati filwaqt li fl-*affidavits* taghhom jaghtu l-impressjoni li kienu jafu x'qieghed jigri minn wara daharhom, meta jigu in kontro-ezami jispiccaw biex jaqghu fid-dubju dwar dak li xehdu jew juru bic-car li r-

risposta li jaghtu hija wahda strarikkjata jew kif jinghad bl-Ingliz "*contrived*". Per ezempju, l-attur Joseph Sultana *inter alia* jixhed hekk in kontro-ezami (ara fol. 90):-
"Dr. Chris Said: Qed nistaqsik jekk sitt xhur qabel mietet iz-zija kenitx f'sensiha.

Xhud (Joseph Sultana): U l-mistoqsija (recte it-twegiba) tieghi nghidlek li ma nafx.

Dr Chris Said: Ma tafx. Jigifieri l-ammont t'elf u hames mija (Lm1,500) u elf u erbgha mija (Lm1,400) zewg ammonti kwazi ugwali li ngabru fl-istess gurnata minn Marija Xuereb, jekk nghidlek li Marija Xuereb dawn tathom liz-zija, int ma tafx tathomx liz-zija jew le? Ma tistax tiehu gurament x'ghamlet bihom Marija Xuereb?

Xhud: Issa ma niehudulekx gurament. Biss jekk naghmel ir-ricerka bhalma ghamilt waqt li kont qed niehu gurament fuq dak l-Affidavit li ghandek quddiemek, inkun nista' niehudulek jekk trid.

Dr Chris Said: X'ricerka ha taghmel?

Xhud: Kenitx f'kundizzjoni li dakinhar setghetx tigbor flus jew tirciev i flus minghand ohti."

Din is-silta u diversi xhieda ohrajn simili juru kjarament kemm l-appellati kienu qeghdin jibbazaw ruhhom l-aktar fuq supposizzjonijiet milli fatti li sehhew realment.

9. Ghaldaqstant a bazi ta' dan kollu premess, din il-Qorti qieghda tilqa' dan il-aggravju tal-konvenuta appellanta u jsegwi ghalhekk li dan l-ammont m'ghandux jigi rifuz lill-atturi appellati.

10. It-tieni aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-fatt illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta kkonsidrat illi ma kien hemm l-ebda prova illi fir-rigward tal-ammont ta' elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin (Lm2,225), jew l-ekwivalenti ta' hamest elef mija tnejn u tmenin Euro u sitta u tmenin Euro centezmi (€5,182.86), dawn intuzaw sabiex jithallsu xoghlijiet fid-dar ta' Carmela Cassar.

Ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ dan l-aggravju, dan l-ammont ta’ elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin (Lm2,225), jew l-ekwivalenti ta’ hamest elef mija tnejn u tmenin Euro u sitta u tmenin Euro centezmi (€5,182.86), jirraprezenta bilanc ta’ ammont akbar ta’ flus illi nghataw lill-konvenuta appellanti minn Carmel Attard, wara li huwa kien ghalaq xi investimenti illi Carmela Cassar kellha ma' *Globe Financial Investments Limited*. Carmel Attard kien laqqa' lill-atturi u lil konvenuta u, kif jirrizulta mid-dokument illi jinsab a fol. 328, il-konvenuta appellanti kienet irceviet minghand Carmel Attard, is-somma ta’ tnax-il elf mitejn u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm12,225), jew l-ekwivalenti ta’ tmienja u ghoxrin elf erba' mija sitta u sebghin Euros u disgha u hamsin Euro centezmi (€28,476.59), u dan quddiem wiehed mill-appellati, jigifieri Charles Sultana. Kif jidher ukoll mid-dokument illi jinsab a fol. 288 tal-process, il-konvenuta kienet iddepozitat l-ammont ta’ ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000), jew l-ekwivalenti ta’ tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin Euro centezmi (€23,293.73).

Fix-xiehda taghha, l-appellanti tikkonferma illi hi kienet iddepozitat il-Bank l-ammont ta’ ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000), jew l-ekwivalenti ta’ tlieta u ghoxrin elf, mitejn tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin Euro centezmi (€23,293.73), u tkompli tghid illi l-mejta Carmela Cassar kienet tatha l-bilanc a saldu ta’ dejn ghal xoghlijiet illi kienu saru fid-dar u illi ghalihom kienet hallset il-konvenuta.

11. Huwa principju assodat, skond il-Artikolu 562 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, illi l-obbligu tal-prova jmiss lil min jallega l-fatt. Ghalhekk meta bhal f’dan il-kaz, imbaghad, il-konvenuta ma llimitatx ruhha bis-semplici kontestazzjoni generika tal-assunt tal-atturi appellati, u anzi kkontraponiet difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fiha l-obbligu li hi wkoll iggib il-quddiem prova dimostrativa fis-sens tal-Artikolu 562, s’intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f’kaz ta’ prova insufficjenti jew insodisfacenti.

Fil-kaz prezenti, l-appellanti sostniet illi l-ammont ta' elfejn mitejn u hamsa u ghoxrin (Lm2,225), jew l-ekwivalenti ta' hamest elef mija tnejn u tmenin Euros u sitta u tmenin Euro centezmi (€5,182.86), inghataw lilha mill-mejta Carmela Cassar bhala hlas ta' debitu. Il-konvenuta ssostni illi hija kienet ghamlet diversi xoghlijiet fid-dar, xoghlijiet illi skond hi, kienet ridithom Carmela Cassar u li ghalhekk dan il-ammont kien hlas lura ghal dawn ix-xoghlijiet.

12. Din l-Qorti mhijiex tal-fehma illi ghandha temmen din il-verzjoni tal-konvenuta appellanti. Fl-ewwel lok, hija ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja din is-sottomissjoni, bhal per ezempju xi tip ta' ricevuti illi effettivament kienu saru dawn ix-xoghlijiet. Fit-tieni lok, u hawn din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet illi ghamlet l-Ewwel Qorti, Carmela Cassar kienet diga` tat lill-konvenuta d-dar fejn kienu jghixu bhala donazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ssibha difficli temmen illi anke dawn il-flus inghataw lill-konvenuta, meta wara kollox hi kienet qieghda taghmel xoghlijiet fid-dar taghha stess u mhux f'xi dar ta' xi terza persuna.

13. Ghaldaqstant a bazi ta' dan kollu premess, il-Qorti qieghda tichad dan it-tieni aggravju tal-appellanti.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' in parti biss l-appell tal-konvenuti appellanti billi tilqa' l-ewwel aggravju u tichad it-tieni aggravju tal-appellanti u ghalhekk tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tal-5 ta' Mejju 2006, billi tikkundanna lill-konvenuti appellanti sabiex jirrifondu s-somma ta' Lm2225 lit-tlett eredi, jigifieri lill-atturi Joseph u Charles Sultana, kif ukoll lill-konvenuta Mary mart Andrew Xuereb, ammont inferjuri minn kif deciz mill-ewwel Qorti, cioe` s-somma ta' seba' mija wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm741.66), jew l-ekwivalenti ta' elf seba' mija seba' u ghoxrin Euro u sittin Euro centezmi (€1727.60), lil kull wiehed u wahda minnhom, flimkien mal-imghax relattiv mid-data tan-notifika tal-att promotur tal-kawza sad-data tal-effettiv pagament.

Tenut kont ta' dak li gie deciz kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fit-tieni istanza, ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez, din il-Qorti tiddeciedi li l-ispejjez gudizzjarji kwantu ghaz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs (50:50) bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------